

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14253/23

UEM 324

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Sa Christine LAGARDE, President tal-Bank Ċentrali Ewropew

data meta waslet: 16 ta' Ottubru 2023

lil: Is-Sur Thomas WESTPHAL, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije (BĊE/2023/25)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2023/25.



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**

EUROSISTEMA

**ECB-PUBLIC**

MT

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tal-10 ta' Ottubru 2023**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije**

**(BĊE/2023/25)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tal-Banka Slovenije, PricewaterhouseCoopers, podjetje za revizijo in druge finančno računovodske storitve, d. o. o., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja tal-2023. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2024 'il quddiem.
- (3) Banka Slovenije għażel lil Mazars, družba za revizijo, d. o. o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026,

**ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:**

Huwa rakkomandat illi Mazars, družba za revizijo, d. o. o. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Ottubru 2023.

Il-President tal-BĊE

Christine LAGARDE